# LINJI-GWIDA GĦAL MIN JANIMA L-QUDDIES TAL-FUNERAL FIS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

Dawn il-linji-gwida huma bbażati fuq il-prinċipji tal-Liturġija tal-Knisja u qed jiġu applikati għall-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar li jkollha numru kbir ta' funerali fis-sena.

1. Il-quddiesa tal-funeral, anke jekk ma tkunx tal-ħin, trid tkun iggwidata mill-prinċipji li jirregolaw il-quddies l-ieħor, għalhekk ma jkunux jistgħu jsiru eċċezzjonijiet għaliha.

2. L-iskop tal-mużika u l-kant fil-quddiesa mhux skop fih innifsu, iżda **li jgħin lill-kongregazzjoni preżenti "titlob aħjar"**. Noqgħodu attenti, għalhekk, li l-mod kif isir il-kant u l-innijiet li jintgħażlu jgħinu u mhux ifixklu biex (a) il-Kelma t'Alla u (b) t-Talba Ewkaristika jibqgħu jieħdu **l-post ċentrali** fil-quddiesa.

3. <u>Għandhom dejjem jintgħażlu innijiet liturġiċi</u>. Għalhekk, mhux permess jitkantaw innijiet profani, anke jekk dawn ikollhom il-kliem mibdul u li jista' jidher bħala reliġjuż.

4. Lanqas jistgħu jitkantaw innijiet sportivi jew ta' xi natura oħra bħal *You raise me up!* għax naħsbu li għandhom kliem adatt. Lanqas jistgħu jitkantaw kanzunetti profani li jkunu jogħġbu lill-mejjet/mejta f'ħajjithom u forsi jkunu talbuhom.

5. Ma jitkantawx il-Mulej, ħniena (Kyrie), Qaddis (Sanctus), Missierna, Ħaruf t'Alla (Agnus Dei), imma jiġu reċitati.

6. Għandhom jiġu evitati innijiet reliġjużi bl-ingliż, sakemm ma jkunx hemm xi talba speċifika mill-qraba tal-mejjet/mejta minħabba l-kultura Ingliża li jkunu mrobbijin fiha. Għandna repertorju wiesa' biżżejjed ta' innijiet bil-Malti minn fejn nagħżlu.

7. F'każ ta' diffikulta' fl-għażla tal-innijiet, għandu dejjem jiġi kkonsultat l-Arċipriet (79274587).

8. Fl-akklamazzjoni ta' wara l-Konsagrazzjoni trid titħabbar il-mewt il-qawmien u anke t-tieni miġja tal-Mulej. <u>L-aħjar jintużaw it-3 akklamazzjonijiet</u> li nsibu fil-Missal Ruman: ***Inħabbru l-mewt...*, *Kull darba li nieklu...*, *Salvana Int...*** L-aħjar jintuża t-ton Gregorjan ħalli n-nies tippartecipa. Dak il-ħin m'għandhomx jintużaw innijiet ta' adorazzjoni bħal: Erfa' għajnejk..., Ninxteħtu fl-art bil-qima..., Inti O Alla... u oħrajn.

9. Meta jintuza synthesiser għandu jintuża' bit-ton ta' "orgni" tal-knisja.

10. Jekk ikunu se jitqegħdu speakers fil-knisja dawn għandhom ikunu ta' qies moderat, b'volum normali u **ma jitqegħdux fuq il-presbiterju tal-knisja**. Ma ninsewx, is-sound **għandu jgħin fil-ġabra** tal-quddiesa mhux itellifha għax ikun għoli aktar milli suppost. **Għalhekk għandu jiġi evitat kant u daqq b'volum għoli.**

11. Kull min se jagħti dan is-servizz hu mitlub jiġi l-knisja b'ilbies deċenti.

12. Ħadd m'għandu jqassam jew iħalli *business cards* jew b'xi mod jagħmel propaganda ta' xogħlu fil-knisja.

***13.*** Nirringrazzjak jekk timxi ma' dawn il-linji-gwida ħalli b'hekk, il-quddiesa tal-funeral issir bid-devozzjoni u l-ġabra li jixirqilha. Grazzi ħafna. ***L-Arċipriet – Lulju 2018***